MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Numru 324/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR WALTER SPITERI**

**VS**

**LAWRENCE CASTAGNA**
**MELVIN CASTAGNA**

**Illum 21 ta’ Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Lawrence Castagna ta’ 55 sena, bin il-mejjet Alfred u l-mejta Theresa nee’ Agius, imwieled Vittoriosa fil-21 ta’ Frar, 1946 u residenti Pisces 1, Buleben iz-Zghir, Haz-Zabbar, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 228246 (M);

U kontra Melvin Castagna ta’ 22 sena, bin Lawrence u Pauline nee’ Pace, imwoeled Pieta’ fil-15 ta’ Ottubru, 1978 u residenti Pisces 1, Buleben iz-Zghir, Haz-Zabbar, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 502678 (M);

Talli fit-28 ta’ Ottubru, 2000, f’Birzebbugia, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg mobbli ghad-detriment ta’ Joseph Cassar, liema hsara teccedi il-hamsin lira maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt liri maltin.

Ukoll talli fl-istess jum, data u lok ghamlu feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Joseph Cassar skond kif iccertifika Dr. J. Cassar tal-Floriana Health Centre.

Wara illi rat l-Artikoli 283 u 338, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti ezebiti, qeghda ssib liz-zewg imputati hatja ta’ kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti fil-waqt li ssib htija, qeghda tillibera liz-zewg imputati bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza liz-zewg imputati.

---------------------------------TMIEM---------------------------------